MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

Pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority) fid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Fondi Ewropej, Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority) fid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' sentejn (2) bħala National Liaison Officer (European Labour Authority), fl-Awtorita` Ewropea għax-Xogħol fi Bratislava (Slovakkja) f'isem Malta, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (Europen Labour Authority) hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority) li hi pożiżżjoni ta' fiduċja, din tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7 (4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss".

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorita` kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti min-National Liaison Officer (European Labour Authority) matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.6 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' National Liaison Officer (European Labour Authority).

2.7 L-ingaġġ bħala National Liaison Officer (European Labour Authority) huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul ser ikun stazzjonat fi Bratislava (Slovakkja).

2.8 Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun marret tgħix fi Bratislava fi żmien xahar (1) li tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess t'applikazzjoni.

2.9 Impjegati li jkunu jaħdmu fis-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority) jridu jagħmlu l-arraġamenti tagħhom mal-entita' li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma se jservu bħala National Liaison Officer (European Labour Authority). Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat l-Ftehim ta' National Liaison Officer (European Labour Authority).

2.10 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entita' fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entita` konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority), il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entita` fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority).

2.11 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta'

kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

Salarju marbut mal-pozizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority) huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €34,813.85 fl-2026), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar. Barra minn hekk, għat-tul ta' dan l-assignment, in-National Liaison Officer (European Labour Authority) ser jirċievi l-benefiċċji u l-allowances pagabbli kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

3.2 Il-Kandidat magħżul ikun intitolat ukoll għal allowance ta' sussistenza kuljum allowance ta' sussistenza fix-xahar skont id-distanza bejn Malta u l-post tas-sekondar (Bratislava), li jkunu pagabbli mill-Awtorita` Ewropea tax-Xogħol, ekwivalenti għall-ammont li jkun stabilit kull sena mill-Kummissjoni Ewropea.

3.3 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diga` qed sservi fil-pożizzjoni ta' Skala ta' Salarju, benefiċċju u allowances li huma ogħla min dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f'dawn il-każijiet eċċezzjonali meta jerġa' jinħatar għandu jkun tal-ogħla skala, benefiċċju u allowances.

3.4 Għat-tul tal-Ftehim, in-National Liaison Officer (European Labour Authority) ikun marbut mal-"Conditions of Service for Officers Serving Overseas" (MFA 9/2015; CONDSER January 2026 V1.3) li jistgħu jiġu aġġornat minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' National Liaison Officer (European Labour Authority) fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunita` Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita` Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta’ kandidati msemmija f’(b) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta’ liċenzja tax-xogħol f’dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

L-applikanti għandhom:

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija jew dik Ingliża (minumu ta' livell B2), **u**

iii. ikollhom kwalifika ta' Masters riknoxxuta f'Livell 7 (suġġett għall-minimu ta' 90 ECTS krettu jew ekwivalenti)* fl-Istudji Ewropej jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Public Policy jew Liġi jew Social Sciences jew Business Administration jew f'oqsma relevanti kif determinat mill-Maniġment flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Universita` ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Universita` ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

JEW

iv. fil-pussess ta' kwalifika tal-Baċċellerat rikonoxxut f'Livell 6 tal- MQF (suġġett għall-minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti)*, fl-Istudji Ewropej jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Public Policy jew Liġi jew Social Sciences jew Business Administration, jew f'oqsma relevanti kif determinat mill-Maniġment, flimkien ma' tlett (3) snin esperjenza ta' xogħol relevanti.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożiżżjoni tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Universita` ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Universita` ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

Korsijiet qosra li jwasslu għal awards, b'differenza mill-kwalifiki, ma jkollhomx in-numru meħtieġ ta' kretti ECTS fil-livell tal-MQF rispettiv u, għalhekk, ma jiġux ikkunsidrati għal finijiet ta' eliġibilita`.

Barra minn hekk:

v. bħala alternativa għal 5.1 (ii) l-kandidati għandu jkollhom għarfien avvanzat ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti (livell B2) ta' lingwa oħra tal-Unjoni, kif meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom. Peress li l-lingwa ewlenija fil-ħidma tal-ELA hija l-Ingliż, il-kandidtati għandu jkollhom ħakma eċċellenti tal-Ingliż, kemm mitkellem kif ukoll miktub; **u**

vi. ikollhom tal-inqas tlett (3) snin esperjenza professjonali f'wieħed jew iktar mill-oqsma taħt il-mandat tal-European Labour Authority, f'oqsma relatati mal-mobbilita` fix-xogħol EU cross-border jew koordinazzjoni ta' sigurta`soċjali jew posting of workers jew free movement of workers jew spezzjonijiet tax-xogħol, preferibbilment f'kuntest multilingwali u multinazzjonali; **u**

vii. ikollhom mill-inqas tlett (3) snin esperjenza professjonali f'funzjonijiet amministrattivi, legali, xjentifiċi, tekniċi, konsultattivi jew superviżorji; **u**

viii. ill-kandidati jridu jkunu ħadmu mal-amministrazzjoni li timpjegahom fuq bażi permanenti jew kuntrattwali għal mill-inqas tnax (12)-il xahar qabel is-sekondar tagħhom u għandhom jibqgħu fis-servizz ta' dik l-amministrazzjoni matul il-perjodu kollu tas-sekondar; **u**

ix. ikollhom skills fl-IT suffiċenti biex iwettqu l-kompiti mistennija f'din il-pożizzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta’ karriera differenti jew f’pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta’ karriera jew le.

5.2 (i) Fid-dawl tan-natura speċifika ta' din il-pożizzjoni, il-kandidati huma mistennija li jkunu kisbu l-kwalifika

tagħhom jew ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar l'isfel).

5.3 Il-Kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni skont 5.1 - 5.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjoinijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertineti oħra. kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 100.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 - 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali, Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-Employment History). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **5:15pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru, 2026.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf jew jinkisbu mid-Dipartiment għar-Relazzjoijiet Industrijali u tal-Impjieg, 121, Triq Melita, Valletta, VLT 1121. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma https://dier.gov.mt u applications-hr.dier@gov.mt.